MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. MĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-6 ta' Ġunju, 2016

Rikors Maħluf Numru: 870/15 LM

**Reeves Ricky Alan**

**vs.**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-15 ta' Settembru, 2015 mill-attur **Ricky Alan Reeves** (minn issa 'l quddiem "l-attur"), li jaqra hekk:

1. *Illi l-gwaj finanzjarju tal-esponent Reeves mal-Kummissarju intimat beda meta l-esponent Reeves irċieva l-ittra markata R01 fejn il-Kummissarju intimat innotifika lil Reeves illi kellu jagħti EUR241,902.03 lill-Erarju Ingliż u illi d-debitu dovut minnu kellu saħħa ta' titolu eżekuttiv kontrih. L-imsemmija ittra anke rreferiet*

*għal digriet datat 21 ta' Awwissu, 2013 u allegatament notifikat fl-10 ta' Settembru, 2013.*

2. *Illi l-esponent Reeves kien sorpriż ferm b'dana kollu għaliex ma kien jaf b'xejn la bl-allegat debitu dovut, u tanto meno b'digriet datat 21 ta' Awwissu, 2013 u allegatament notifikat fl-10 ta' Settembru, 2013.*

3. *Illi għalhekk l-esponent pprotesta lill-Kummissarju bil-protest markat R02 liema protest ġie debitament notifikat.*

4. *Illi l-Kummissarju intimat naqas illi jwieġeb għall-protest u ħa triq oħra.*

5. *Illi l-Kummissarju, flok illi wieġeb għall-protest u kkjarifika l-pożizzjoni tiegħu għażel illi jinnotifika r-rikors tiegħu u d-digriet mill-ġdid (dokument markat R03).*

6. *Illi mar-rikors l-intimat annetta wkoll d-digriet oriġinali tal-21 ta' Awwissu, 2013 illi bih il-Kummissarju intimat akkwista titolu eżekuttiv kontra l-esponent Reeves. F'dawn l-atti kien hemm riferimenti għal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 460.08 Ordni dwar l-Assistenża Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji, u Miżuri Oħra.*

7. *Illi hemm raġunijiet validi skont il-liġi illi għalihom t-titolu eżekuttiv għandu jiġi mħassar.*

8. *Illi, fl-ewwel lok, r-rikors u digriet ta' Awwissu, 2013 ġie notifikat f'indirizz ħażin ċioè fil-Valletta Football Club, 126, Triq Santa Luċija Valletta VLT 1183 meta huwa pależi illi dan l-indirizz huwa wieħed invalidu għaliex la mhuwa residenza u lanqas post tax-xogħol tal-esponent. Tali indirizz invalidu jirriżulta anke mid-dokument 'A' anness mar-rikors ta' Awwissu, 2013. Il-miżuri ta' infurzar inħarġu*

*fuq indirizz ħażin u dokumenti krucjali tħallew ma' persuni illi ma setgħux jilqgħu notifiki f'isem l-esponent Reeves.*

9. *Illi, di più, l-allegat debitu huwa kompletament ineżistenti.*

10. *Illi inoltre jirriżulta mid-dokument A anness mar-rikors ta' Awwissu, 2013 illi l-pretensjoni tal-Erarju Ingliż tikser il-valur tan-non bis in idem (Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll illi hemm mal-Konvenzjoni Ewropea) għaliex timponi żewġ tax surcharges (penali) għall-istess nuqqas.*

11. *Illi għalhekk r-rikors tal-14 ta' Awwissu, 2013, id-digriet tal-21 ta' Awwissu, 2013, in-notifika tagħhom u titolu eżekuttiv ottenut kienu pależement irregolari.*

12. *Illi mingħajr ħsara għas-suespost l-proċedura illi segwa l-intimat sabiex jottjeni t-titolu eżekuttiv imsemmi hija leżiva tad-dritt tal-esponent ai termini tal-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll illi hemm mal-Konvenzjoni Ewropea.*

13. *Illi għar-raġunijiet esposti l-esponent Reeves iħoss ruħu aggravat kemm mill-miżuri ta' infurzar kif ukoll bil-validità tan-notifika tal-imsemmija atti.*

14. *Illi mhix qed issir jew tintalab dikjarazzjoni jew rimedju ta' vjolazzjoni ta' dritt fundamentali f'dan l-istadju għaliex qed jiġi eżerċitat ir-rimedju ordinarju; iżda qed issir id-debita riserva.*

15. *Illi dawn l-affarjiet l-esponenti jafu bihom personalment.*

Ir-rikorrent bħala Raġuni tat-Talba tiegħu ddikjara dan li ġej u għamel is-segwenti talbiet:

1. *Illi l-esponent iħossu aggravat kemm mill-miżuri ta' infurzar kif ukoll bil-validità tan-notifika tal-imsemmija atti illi uża l-Kummissarju intimat biex jottjeni titolu eżekuttiv kontra l-esponent Reeves.*

2. *Illi, di più, l-għemil tal-Kummissarju intimat imur kontra l-liġi.*

3. *Illi l-Kummissarju intimat ma osservax ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tad-doveri tiegħu imposti mill-Ordni dwar L-Assistenża Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji, u Miżuri Oħra.*

4. *F'din il-kawża r-rikorrent qed jitlob illi l-effetti kollha tal-ittra tal-intimat datata 21 ta' Lulju, 2015, ir-rikors tal-14 ta' Awwissu, 2013 u d-digriet tal-21 ta' Awwissu, 2013 ('il-mizuri ta' infurzar') jiġu mħassra.*

5. *F'din il-kawża r-rikorrent qed jitlob illi t-titolu eżekuttiv ottenut permezz tar-rikors tal-14 ta' Awwissu, 2013 u d-digriet tal-21 ta' Awwissu, 2013 jigi mħassar.*

6. *Illi f'din il-kawża qed tittressaq prova illi it-taxxa vantata mhix dovuta mill-esponenti.*

*Jgħid għalhekk il-Kummissarju intimat għaliex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, m'għandhiex taqta' u tiddeċiedi billi:*

1. *Tiddikjara illi l-miżuri ta' infurzar segwiti mill-Kummissarju intimat huma invalidi.*

2. *Tiddikjara illi n-notifika tal-imsemmija miżuri ta' infurzar huma invalidi;*

3. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikors tal-14 ta' Awwissu, 2013 u d-digriet tal-21 ta' Awwissu, 2013 ma jikkreawx fil-konfront tal-esponenti titolu eżekuttiv;*

4. *Tħassar u tirrevoka, fil-konfront tal-esponenti, l-effetti kollha tar-rikors tal-14 ta' Awwissu, 2013 u d-digriet tal-21 ta' Awwissu, 2013 mertu ta' din il-kawża;*

5. *Tħassar it-titolu eżekuttiv ottenut bir-rikors tal-14 ta' Awwissu, 2013 u d-digriet tal-21 ta' Awwissu, 2013;*

6. *Tiddikjara l-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi hekk kif dedotta fir-rikors tal-14 ta' Awwissu, 2013 u d-digriet tal-21 ta' Awwissu, 2013 bħala infondata u r-rikorrenti dikjarat mhux debitur tal-intimat fis-somma pretiża.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Kummissarju tat-Taxxi** (minn issa 'il quddiem "il-konvenut") li tgħid hekk:

1. *Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-allegazzjoni li d-debitu huwa wieħed ineżistenti ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti u dana skont l-artikolu 14(1) tad-Direttiva Ewropea 2010/24 b'dan illi kull talba f'dan is-sens ma taqax taħt il-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti;*

2. *Illi dejjem in linea preliminari u mingħajr preġudizzju, l-allegazzjoni li l-pretensjoni tal-erarju Ingliż tikser xi dritt fundamentali tal-attur ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni u kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti u dana skont l-artikolu 14(1) tad-Direttiva Ewropea 2010/24;*

3. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensionijiet tal-attur Ricky Alan Reeves huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda*

*għar-raġunijiet segwenti li qegħdin hawn jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

*3.1. Illi l-fatti huma s-segwenti:*

*3.1.1. Illi l-esponent Kummissarju, irċieva talba għal miżuri ta' irkupru ta' dejn ta' taxxa mingħand l-awtorità kompetenti tar-Renju Unit, ossija l-awtorità applikanti a tenur tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/55/KE tas-26 ta' Mejju, 2008 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet rigward ċerti imposti, dazji, taxxi u miżuri oħra il-konfront tal-attur Ricky Alan Reeves ladarba l-attur kien indikat li jinsab ġewwa Malta;*

*3.1.2. Illi dina t-talba kienet suġġetta għal strument li jippermetti l-infurzar ai termini tal-istess direttiva;*

*3.1.3. Illi sussegwentement id-Direttiva msemmija ġiet mħassra u sostitwita permezz ta' Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri Oħra tas-16 ta' Marzu 2010, liema direttiva ġiet implimentata fil-Liġi ta' Malta permezz tal-Ordni ravviżat fl-Avviż Legali Nru 153 tas-sena 2012 (Liġi Sussidjarja 460.08), liema leġiżlazzjoni tippermetti lill-esponent jiġbor taxxa dovuta lill-stati membri oħra, fejn id-debitur jinsab ġewwa Malta anke fir-rigward ta' talbiet għal ġbir li saru qabel ma daħlet fis-seħħ l-istess direttiva (vide artikolu 17 tal-istess avviż legali);*

*3.1.4. Illi għalhekk permezz ta' rikors numru 784/2013JPG l-esponent ipproċeda sabiex jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex fl-ewwel lok tordna li kopja ta' dan ir-*

*rikors flimkien mad-dokumenti annessi, inkluż l-istrument li jippermetti l-infurzar, jiġu notifikati lill-attur skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u fit-tieni lok sabiex tordna r-reġistrazzjoni tal-istess strument bħala kopja uffiċjali tiegħu, sabiex tali dokumenti jikkostitwixxu titolu eżekuttiv, u dana ai termini tas-sub-artikoli 9(6) u (7) tal-imsemmi Avviż Legali 153/2012;*

*3.1.5. Illi l-ammont li ntalab fl-imsemmi rikors kien ta' mitejn, sitta u erbgħin elf, disa' mija, tmienja u tmenin Euro, u sbatax-il ċenteżmu (€246,988.17), oltre interessi skont l-Atti dwar it-Taxxa (Kap. 123 u 372 tal-Liġijiet ta' Malta), liema interessi kellhom jiddekorru sa mid-data tan-notifika tal-istess rikors, u dana kif jirriżulta mid-dokument anness ma' tali rikors (ara Dok. "R03" anness mar-rikors ġuramentat tal-kawża odjerna);*

*3.1.6. Illi fil-fatt it-talba oriġinali li saret mill-awtorità tar-Renju Unit kienet tirrigwarda ammont akbar ta' dejn minn dak attwalment mitlub fl-imsemmi rikors stante li kien sar pagament sostanzjali lil tali awtorità fil-frattemp, u ċioè qabel ma sar ir-rikors imsemmi mill-esponent;*

*3.1.7. Illi dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta permezz ta' digriet li ngħata nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlettax (2013), laqgħet iż-żewġ talbiet kif dedotti fir-rikors imsemmi fil-paragrafi preċedenti.*

*3.1.8. Illi għalhekk l-esponent ipproċeda sabiex jinnotifika lill-attur Ricky Alan Reeves bl-imsemmi rikors u digriet fl-indirizz mogħti mill-awtorità applikanti tar-*

*Renju Unit, ċioè Valletta Football Club, 126, Triq Santa Luċija, Valletta liema atti fil-fatt ġew notifikati lilu f'Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013). Kif ukoll riċentement l-esponent innotifika lill-istess Ricky Alan Reeves fuq indirizz magħruf ieħor, ċioè 37, Apt R, "Dolphin Court", Embassy Way, Ta' Xbiex XBX 1073 nhar id-disgħa (9) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u dana kif jirriżulta mir-riferti mmarkati rispettivament bħala Dok. "KT 1" u Dok. "KT 2";*

3.1.9. *Illi minkejja tali riferti pożittivi, l-esponent baqa' qatt ma pproċeda ulterjorment fil-konfront tal-attur fir-rigward tad-dejn mertu tar-rikors imsemmi numru 784/2013JPG tal-esponent;*

3.2. *Illi l-esponent segwa proċedura valida ta' ġbir a tenur tad-Direttiva Ewropeja 2010/24 kif trasposta fil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 460.08, wara li saret talba għall-ġbir tal-imsemmi dejn mingħand l-awtorità kompetenti tar-Renju Unit fejn id-dejn kien suġġett għal strument li jippermetti l-infurzar skont l-istess direttiva;*

3.3. *Illi mill-fatti suesposti huwa manifest li l-ordni mogħtija permezz tad-digriet numru 784/2013JPG sabiex issir ir-reġistrazzjoni tal-istrument li jippermetti l-infurzar kif ukoll l-effetti ta' tali ordni mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta ma tistax tiġi mħassra jew revokata kif qiegħed żbaljatament jippretendi r-rikorrent;*

3.4. *Illi fil-preżent in-notifika tar-rikors u digriet imsemmijin fil-paragrafu preċedenti hija waħda valida u regolari u dana kif jirriżulta mir-riferta li hija mmarkata bħala "Dok. KT2";*

3.5. *Illi minkejja dak allegat mill-attur, l-esponent wieġeb il-*

*protest numru 343/2015 li sar mill-attur, permezz ta' kontroprotest numru 390/2015 li ġie preżentat nhar it-tlieta (3) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015), liema notifika għadha pendenti;*

3.6. *Illi inoltre u mingħajr preġudizzju l-esponent permezz ta' tali kontroprotest informa lill-attur li għal kull buon fini kellu jerġa' joħroġ notifika ġdida tal-imsemmi rikors numru 784/2013 u d-digriet tiegħu kif imsemmi aktar 'il fuq;*

3.7. *Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ittra annessa mar-rikors promotur tal-kawża odjerna u mmarkata bħala Dok. "R01" kienet waħda mibgħuta mill-esponent lill-attur mingħajr preġudizzju.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat l-affidavit tar-rappreżentant tal-konvenut **Kummissarju tat-Taxxi**[1].

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw dwar il-validità tan-notifika tal-atti tar-rikors numru 784/13JPG u dwar it-talbiet tal-attur konsegwenzjali għal din il-kwistjoni.

Rat in-Nota ta' Referenza ippreżentata mill-konvenut fit-2 ta' Ġunju, 2016.

**Ikkunsidrat:**

[1] A fol. 68 tal-proċess.

Illi din hija kawża li permezz tagħha l-attur qiegħed jattakka s-siwi ta' miżuri ta' infurzar segwiti mill-Kummissarju tat-Taxxi minħabba li ma ġewx osservati l-ħtiġijiet proċedurali mandatorji imposti mid-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE datata s-16 ta' Marzu, 2010.

Illi d-Direttiva msemmija tippromwovi u tirregola l-kollaborazzjoni bejn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea għall-finijiet ta' irkupru ta' taxxa u/jew dazju dovuti minn debituri ta' Stat Membru tal-istess Unjoni li jinsabu f'territorju ta' Stat Membru ieħor, apparti miżuri oħra. Din id-Direttiva ġiet implimentata u trasposta fil-Liġi ta' Malta permezz tal-Avviż Legali Numru 153 tal-2012, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2012.

Illi l-awtorità kompetenti Ingliża talbet l-għajnuna tad-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni), illum Kummissarju tat-Taxxi Interni, biex dan jirkupra t-taxxa dovuta lilha mill-attur.

Illi permezz ta' rikors numru 784/2013JPG ippreżentat fl-14 ta' Awwissu, 2013, id-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) talab lil din il-Qorti, diversament ippreseduta, tordna (1) li kopja ta' rikors flimkien ma' dokumenti annessi, inkluż l-istrument li jippermetti l-infurzar, jiġu notifikati lill-attur, u (2) ir-reġistrazzjoni tal-istess strument bħala kopja uffiċjali tiegħu, sabiex tali dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv.

Illi fl-imsemmi rikors tniżżel biex l-intimat (l-attur f'din il-proċedura) jiġi notifikat fl-indirizz tal-Valletta Football Club 126, Triq Santa Luċija, Valletta li l-attur Ricky Alan Reeves kien jifforma parti mill-kumitat tiegħu.

Illi b'digriet tal-21 ta' Awwissu, 2013 din il-Qorti kif diversament preseduta laqgħet l-ewwel talba u ordnat in-notifika tal-atti kollha lill-konvenut Ricky Alan Reeves wara li rat ir-Regolament 9(6) tal-Avviż Legali Nru. 153/2012, u laqgħet it-tieni talba abbażi tar-Regolament 9(7)(8) tal-istess Avviż Legali. Ir-rikors u digriet ġew notifikati lill-konvenut fl-indirizz tal-Valletta Football Club fl-10 ta' Settembru, 2013.

Illi l-attur Reeves irċieva ittra mill-Kummissarju tat-Taxxa datata 21 ta' Lulju 2015 fl-indirizz 37, Dolphin Court, Ambassadors Street, Ta' Xbiex li tagħmel riferiment għar-rikors 784/2013JPG tal-14 ta' Awwissu, 2013 u għad-digriet tiegħu u twissih li kienet se tittieħed azzjoni skont l-Artikolu 253(a) tal-Kap 12.

Illi b'reazzjoni għal din l-ittra l-attur Ricky Alan Reeves ippreżenta protest ġudizzjarju billi ma kienx jaf la bid-digriet u lanqas bin-notifika imsemmija. Il-Kummissarju tat-Taxxi wieġeb permezz ta' kontroprotest li kienet sejra tinħareġ notifika ġdida u fil-fatt fid-9 ta' Settembru, 2015 innotifika mill-ġdid lil Reeves bir-rikors u bid-digriet fl-istess indirizz fejn intbagħtet l-ittra msemmija.

**Ikkunsidrat:**

Illi skont l-Avviż Legali 153 tas-sena 2012, il-Qorti, wara li jsir rikors għall-infurzar, flimkien mad-dokument li jkun fih it-talba għall-infurzar mill-awtorità applikanti, il-Qorti għandha tordna n-notifika tagħhom lill-persuna imsemmija fir-rikors (Paragrafu 9(6)) u tordna r-reġistrazzjoni

tal-istess dokument, sabiex tali dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv (Paragrafu 9(7)).

Din il-Qorti hija konxja li hemm prattika forensi li fi proċeduri bħal dawn fejn ir-rikors u d-dokument imsemmija jiġu notifikati flimkien mad-digriet li jilqa' t-talba, kif sar f'dan il-każ. B'danakollu, fil-fehma ta' din il-Qorti din il-prattika mhix waħda ritwali, għax loġikament l-ewwel għandu jkun hemm in-notifika tar-rikors u tad-dokument lill-intimat imbagħad wara jingħata d-digriet. Ir-regolamenti tal-Avviż Legali inkwistjoni ma jgħidux li għandu jiġi innotifikat id-digriet, imma r-rikors u d-dokument. Li kieku l-leġiżlatur ma ħassx il-ħtieġa li l-ewwel jiġu notifikati r-rikors u d-dokument, kien jesiġi li jiġi nnotifikat id-digriet, u mhux li jiġu notifikati r-rikors u d-dokument.

Illi huwa r-Regolament 12 tal-Avviż Legali 153 tal-2012 li jikkontempla l-possibbiltà li l-parti interessata li tħossha li hija aggravata *inter alia* bil-validità tan-notifika magħmula minn awtorità kompetenti tal-Istat Membru rikjest tista' tfittex rimedju quddiem il-qorti kompetenti skont is-subartikoli (2) u (3).

Illi mhux l-ewwel darba fi proċeduri simili quddiem din il-Qorti kif ippreseduta li jkunu ġew ikkontestata mill-parti interessata, wara li jsiru l-verifiki meħtieġa mal-awtoritajiet kompetenti barranin, l-ammont ta' taxxa mitluba ġie ridott jew saħansitra ir-rikors ġie ċedut.[2] Għalhekk il-prudenza titlob f'każijiet bħal dawn illi l-ewwel ir-rikors u l-istrument li jippermetti l-infurzar jiġu notifikati lill-intimat, tidħol ir-risposta, isir is-

[2] Ara bħala eżempju ta' dan l-atti tar-Rikors Nru 1167/15LM.

smigħ u fl-aħħar nett jingħata d-digriet u mhux id-digriet joħroġ kontestwalment mal-ordni tan-notifika.

Illi fil-każ odjern l-ewwel tentattiv ta' notifika tar-rikors 784/2013JPG kien invalidu l-għaliex ma sarx skont il-liġi tal-proċedura ċivili tal-pajjiż billi sar f'indirizz li la kien dak tar-residenza tal-intimat u lanqas dak tal-post tax-xogħol tiegħu. It-tieni tentattiv ta' notifika għad li jidher li sar fl-indirizz tar-residenza tal-intimat, ukoll kien invalidu il-għaliex loġikament l-ewwel kellha ssir in-notifika lill-intimat tar-rikors u tal-istrument li jippermetti l-infurzar, imbagħad kellu jingħata d-digriet u mhux jingħata digriet qabel ma l-intimat ikun ġie debitament notifikat bir-rikors u bl-istrument li jippermetti l-infurzar.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara li l-miżuri ta' infurzar huma invalidi;**
2. **Tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara li n-notifika ma saritx ritwalment;**
3. **Tiċħad it-tielet talba billi r-rikors u d-digriet ma joħolqu l-ebda titolu eżekuttiv imma huwa d-digriet tal-Qorti u r-reġistrazzjoni wara n-notifika tar-rikors u tal-istrument li jippermetti l-infurzar li jagħmlu dan;**

**4. Tilqa' r-raba' talba billi tħassar l-effetti kollha tar-Rikors 784/2013JPG u digriet tiegħu;**

**5. Tiċħad il-ħames talba;**

**6. Tiċħad is-sitt talba billi skont Avviż Legali Nru 153/2012 mhix funzjoni ta' din il-Qorti li tidħol fil-mertu tat-talba tal-awtorità applikanti.**

**Spejjeż a kariku tal-konvenut.**

Moqrija.